VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,892, 31 ta' Ottubru, 2017
Taqsima B

A.L. 304 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2017 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Music – D.Mus. - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75(3) u 79(b) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2017 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Music – D.Mus. – taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għall-Grad;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Doctor of Music – D.Mus.;

"l-Iskola" tfisser l-Iskola tal-Arti Performattiva; u

"il-Kumitat għall-Ph.D." tfisser il-Kumitat għall-Ph.D. maħtur mis-Senat skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mil-1 ta' Ottubru, 2017 'il quddiem.

L-Għoti tal-Grad

3. Il-Grad għandu jingħata lill-istudenti li jissodisfaw il-kriterji kollha f'waħda minn dawn l-oqsma ta' speċjalizzazzjoni li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) Il-**Kompożizzjoni**: jippreżentaw b'suċċess *portfolio* ta' kompożizzjonijiet u jagħtu żewġ *lectures* pubbliċi/preżentazzjonijiet ibbażati fuq ix-xogħol li qiegħed isir għall-*portfolio* ta' kompożizzjonijiet u jissottomettu dissertazzjoni segwita minn eżami *viva voce*, kif ġej:

(i) iż-żewġ *lectures*/preżentazzjonijiet ibbażati fuq il-*portfolio* ta' kompożizzjonijiet għandhom isiru waħda kull sena fl-ewwel u fit-tieni sena tal-programm ta' studju fuq bażi *full-time* jew, fil-każ ta' studju fuq bażi part-time, fit-tieni u fir-raba' sena tal-programm. Il-*lectures*/preżentazzjonijiet għandhom ikunu eżaminati minn bord ta' eżaminaturi interni. L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu miż-żewġ preżentazzjonijiet biex ikunu jistgħu jissottomettu l-*portfolio* u d-dissertazzjoni;

(ii) il-*portfolio* għandu jikkonsisti minn kompożizzjonijiet ġodda u oriġinali f'ġeneri differenti li jistgħu jinkludu xogħolijiet vokali, *ensemble* jew orkestrali;

(iii) il-kitba ta' dissertazzjoni li għandha tirreferi l-aktar għall-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet; u

(iv) l-eżami *viva voce*.

(b) **L-Esibizzjoni**: jippreżentaw b'suċċess tliet esibizzjonijiet pubbliċi, u dissertazzjoni, segwita minn eżami *viva voce*, kif ġej:

(i) it-tliet esibizzjonijiet pubbliċi għandhom jikkonsistu minn kunċert wieħed *solo,* kunċert wieħed ta' *chamber music* (jew kunċert wieħed b'akkumpanjament t'*ensemble* għall-istrumenti mingħajr repertorju *chamber*), u esibizzjoni waħda ta' *concerto* (jew xogħol kbir /xogħolijiet kbar li huma ekwivalenti) ma' orkestra. L-istudenti għandhom jagħmlu dawn l-esibizzjonjiet fi kwalunkwe ordni, sakemm li l-aħħar esibizzjoni tkun jew il-kunċert *solo* jew il-*concerto* (jew xogħol kbir /xogħolijiet kbar li huma ekwivalenti) ma' orkestra. Tnejn minn dawn l-esibizzjonijiet pubbliċi għandhom isiru fl-ewwel u fit-tieni sena tal-programm ta' studju rispettivament (waħda f'kull sena). L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu miż-żewġ esibizzjonijiet biex ikunu jistgħu jagħmlu l-esibizzjoni finali u jissottomettu d-dissertazzjoni;

(ii) id-dissertazzjoni għandha tirreferi l-aktar għall-esibizzjoni finali u l-programm tagħha; u

(iii) l-eżami *viva voce*, li għandu jsir wara l-esibizzjoni finali u d-dissertazzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Kumitat għall-Ph.D.

4. Il-Kumitat għall-Ph.D. maħtur mis-Senat skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għandu jkollu wkoll ir-responsabbiltà għall-Grad, wara pariri mill-Bord.

Il-Kumitat tad-Dottorat tal-Iskola

5. (1) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Kumitat tad-Dottorat tal-Iskola, skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – magħmul minn 3 – 5 membri, li jinkludu d-Direttur jew id-delegat tiegħu, li għandu jmexxi l-Kumitat, il-membri l-oħra normalment ikunu kapijiet ta' dipartment. Il-Kumitat tad-Dottorat tal-Iskola jista' jsejjaħ membri oħra jekk iqis li dan hu neċessarju.

(2) Il-Kumitat tad-Dottorat tal-Iskola jikkunsidra applikazzjonijiet għall-Grad kif ukoll il-progress tal-istudenti fix-xogħol tar-riċerka tagħhom, sakemm li jiltaqa' għall-anqas darba fis-sena biex jirrivedi l-progress ta' kull student.

(3) Is-Superviżuri Prinċipali u l-Ko-superviżuri huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tad-Dottorat tal-Iskola, f'Ġunju ta' kull sena għal kull student taħt is-superviżjoni tagħhom.

(4) L-istudenti jitħallew jipproċedu biss bl-istudji tagħhom suġġett għal rapporti ta' progress sodisfaċjenti mis-Superviżur Prinċipali u mill-Ko-Superviżur tagħhom. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lis-Senat jekk l-istudent għandux ikompli bir-reġistrazzjoni tiegħu għall-Grad.

Ir-Reġistrazzjoni għall-Grad

6. L-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għall-Grad għandhom ikunu aċċettati mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord u tal-Kumitat għall-Ph.D.

7. (1) Il-Kumitat għall-Ph.D. għandu jikkunsidra applikazzjonijiet għall-Grad minn applikanti li għandhom il-grad ta' Master of Music jew il-grad ta' Master of Arts fil-mużika mogħti minn din l-Università jew minn università oħra, jew li għandhom kwalifiki ta' livell komparabbli rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat, jew eċċezzjonalment li għandhom esperjenza professjonali estensiva. L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa joqogħdu għal audition jew għal intervista li ssir mill-Kumitat tad-Dottorat tal-Iskola fil-preżenza tas-Superviżur Prinċipali nominat tal-applikant.

(2) L-applikazzjonijiet għall-Grad għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) it-titlu propost tad-dissertazzjoni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) proposta dettaljata ta' riċerka, normalment ta' madwar 1000 kelma, li tinkludi l-ġeneri tal-kompożizzjoni, l-għodod u t-teknika fil-każ tal-Grad fil-Kompożizzjoni, u r-repertorju u l-prattiċi ta' esibizzjoni fil-każ tal-Grad fl-Esibizzjoni;

(ċ) għall-Grad fil-Kompożizzjoni, dikjarazzjoni dwar jekk l-istudji hux se jsiru fuq bażi *full-time* jew *part-time.* L-applikanti li għandhom xogħol *full-time* normalment ma jitħallewx jirreġistraw bħala studenti fuq bażi *full-time,* ħlief f'ċirkustanzi fejn l-applikanti jipprovdu evidenza minn għand l-imgħallma tagħhom li huma lesti li jagħtu *time off* mix-xogħol biex l-istudenti jkunu jistgħu jistudjaw *full-time*, u, fil-każ tal-aħħar, l-għadd ta' sigħat li ser ikunu ddedikati għax-xogħol ta' riċerka. L-applikanti li jirreġistaw fuq bażi *part-time* għandhom ukoll jispeċifikaw fid-dikjarazzjoni tagħhom l-għadd ta' sigħat li ser jiddedikaw għax-xogħol ta' riċerka;

(d) dikjarazzjoni minn membru tal-i*staff* tal-Università li jkun aċċetta li jagħmilha ta' Superviżur Prinċipali; u

(e) rakkomandazzjoni mis-Superviżur Prinċipali li s-suġġett tar-riċerka huwa aċċettabbli.

(3) Il-Kumitat għall-Ph.D. għandu jissottometti lis-Senat l-applikazzjonijiet kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti mniżżla fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan ir-regolament. Is-Senat jista' jaċċetta dawn l-applikazzjonijiet u jista' jimponi kundizzjonijiet oħra kif jidhirlu xieraq.

It-Tul tal-Istudji

8. (1) (a) L-istudji għall-Grad fil-Kompożizzjoni għandhom jinfirxu fuq tliet snin ta' studju *full-time* jew sitt snin ta' studju *part-time*; u

(b) L-istudji għall-Grad fl-Esibizzjoni għandhom jinfirxu fuq tliet snin ta' studju *full-time*. L-applikanti li għandhom xogħol *full-time* bħala artisti-mużiċisti professjonali jistgħu jitħallew jirreġistraw mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord fuq bażi *full-time*.

(2) Jekk in-natura tar-riċerka proposta tkun teħtieġ aktar żmien, il-Kumitat għall-Ph.D. jista' jirrakkomanda perijodu itwal.

(3) Is-sottomissjoni tax-xogħolijiet mwettqa mill-istudent imniżżla fir-regolament 3 ma jkunux ikkunsidrati jekk ikunu ppreżentati aktar tard mill-perijodu msemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, sakemm li f'ċirkostanzi speċjali, is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u tal-Kumitat għall-Ph.D., ma jagħtix estensjoni tal-istudji ta' mhux aktar minn sentejn biex l-istudenti jkunu jistgħu jtemmu l-istudji tagħhom, irrispettivament minn jekk ikunux reġistrati fuq bażi *full-time* jew *part-time*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Reġistrazzjoni Annwali

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jirreġistraw fil-bidu ta' kull sena akkademika matul il-perijodu ta' studju tagħhom.

(2) Reġistrazzjoni bħal din għandha tiġi aċċettata biss wara li jsir rapport dwar il-progress sodisfaċenti tal-istudenti mis-superviżur tagħhom.

Is-Sottomissjoni tal-*Portfolio* ta' Kompożizzjoni/Kompożizzjonijiet u tad-Dissertazzjoni għall-Grad fil-Kompożizzjoni

10. (1) Għall-Grad fil-Kompożiżżjoni, ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu normalment jibda fl-ewwel sena ta' studju, u m'għandux ikun anqas minn 30,000 kelma u mhux aktar minn 35,000 kelma, eskluż in-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet, u għandu:

(i) jinkludi kontribuzzjonijiet oriġinali u sinifikanti għall-għarfien;
(ii) jikkonsisti f'rendikont tax-xogħol tar-riċerka tal-istudent;
(iii) joffri evidenza ta' oriġinalità u kapaċità analitika, rifflessiva u indipendenti; u,
(iv) juri livell tajjeb ta' kompetenza fit-teknika tal-kompożizzjoni u vokali, orkestrazzjoni, u kunsiderazzjonijiet tekniċi oħra.

(2) Mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data maħsuba għas-sottomissjoni, l-istudenti għandhom jitolbu lill-Bord għall-permess biex jippreżentaw il-*portfolio* tal-kompożizzjoni/kompożizzjonijiet u d-dissertazzjoni.

(3) Meta jissottomettu *portfolio* ta' kompożizzjonijiet l-istudenti għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata li l-*portfolio* huwa x-xogħol personali tagħhom, u li l-parti l-kbira tax-xogħol saret wara r-reġistrazzjoni tagħhom għall-Grad.

(4) Id-dissertazzjoni jew partijiet minnha għandha tkun *peer-reviewed* u ta' kwalità li tista' tiġi ppubblikata u ma tistgħax bl-ebda mod tkun diġa' ġiet sottomessa għal xi kwalifika oħra, u m'għandhiex tkun ġiet ippubblikata indipendentement mill-istudent, kemm kollha jew partijiet sostanzjali minnha.

Is-Sottomissjoni tad-Dissertazzjoni għall-Grad fl-Esibizzjoni

11. (1) Għall-Grad fl-Esibizzjoni, ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu normalment jibda fl-ewwel sena ta' studju, u m'għandux ikun anqas minn 30,000 kelma u mhux aktar minn 35,000 kelma, eskluż in-noti, il-biblijografija, u l-appendiċijiet, u għandu:

(i) jinkludi kontribuzzjonijiet oriġinali u sinifikanti għall-għarfien;
(ii) jikkonsisti f'rendikont tax-xogħol tar-riċerka tal-istudent; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iii) joffri evidenza ta' oriġinalità u kapaċità analitika, rifflessiva, u indipendenti.

(2) Mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data maħsuba għas-sottomissjoni, l-istudenti għandhom jitolbu lill-Bord għall-permess biex jippreżentaw d-dissertazzjoni.

(3) Id-dissertazzjoni jew partijiet minnha għandha tkun ta' kwalità li tista' tiġi ppubblikata u ma tistgħax bl-ebda mod tkun diġa' ġiet sottomessa għal xi kwalifika oħra, u m'għandhiex tkun ġiet ippubblikata indipendentement mill-istudent, kemm kollha jew partijiet sostanzjali minnha.

L-Eżami għall-Grad fil-Kompożizzjoni

12. Il-kompożizzjonijiet u d-dissertazzjoni ppreżentati għall-Grad fil-Kompożizzjoni għandhom ikunu eżaminati minn Bord tal-Eżaminaturi maħtur għal dan il-għan mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

13. (1) Il-Bordijiet tal-Eżaminaturi għaż-żewġ *lectures* pubbliċi / preżentazzjonijiet għandhom ikunu magħmula minn *chairman* u mill-anqas minn żewġ eżaminaturi interni.

(2) Il-Bord tal-Eżaminaturi għall-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet, għad-dissertazzjoni u għall-eżami *viva voce* għandu jkun magħmul minn *chairman*, żewġ eżaminaturi interni u eżaminatur barrani *visiting,* sakemm li l-eżami *viva voce* isir tal-anqas minn tliet eżaminaturi inkluż l-eżaminatur barrani. Id-dissertazzjoni għandha tkun eżaminata taħt il-kundizzjonijiet normali tal-eżamijiet.

(3) Is-Superviżur Prinċipali u jekk maħtur, il-Ko-Superviżur, ma jistgħux ikunu eżaminaturi. Iżda, is-Superviżur Prinċipali għandu jkun mistieden biex jattendi bħala osservatur waqt l-eżami *viva voce*.

14. L-istudenti għandhom jiddefendu l-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet tagħhom u d-dissertazzjoni b'mod orali quddiem il-Bord tal-Eżaminaturi. Il-Bord tal-Eżaminaturi għandu jissottometti rapport finali lis-Senat fejn jiddikjara jekk l-istudent għandux jingħata l-Grad.

15. (1) Wara li jeżamina l-*portfolio* tal-kompożizzjonijiet u d-dissertazzjoni, il-Bord tal-Eżaminaturi jista' jirreferi lura lill-istudent għar-reviżjoni il-*portfolio* u/jew id-dissertazzjoni qabel l-eżami *viva voce* jew iħalli lill-istudent jipproċedi biex jiddefendi l-*portfolio* u d-dissertazzjoni tiegħu b'mod orali.

(2) Wara li l-istudent ikun temm ir-reviżjonijiet meħtieġa, għandu jissottometti mill-ġdid l-*portfolio* u/jew id-dissertazzjoni rivedut/i għall-eżami. Il-Bord għandu jkun iggwidat fid-deċiżjoni tiegħu mir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Eżaminaturi iżda fil-każijiet kollha l-*portfolio* u/jew id-dissertazzjoni rivedut/i

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom ikunu sottomessi għall-eżami fi żmien sitt xhur mid-data ta' meta x-xogħol ikun riferut lura lill-istudent. Dan il-permess jingħata darba biss.

(3) Jekk wara li jissottometti l-*portfolio* u/jew id-dissertazzjoni mill-ġdid l-istudent ma jissodisfax lill-Bord tal-Eżaminaturi, dan m'għandux ikun ammess għall-eżami *viva voce* u l-Bord tal-Eżaminaturi jista' jirrakkomanda lis-Senat biex il-Grad ma jingħatax, u minflok jista' jirrakkomanda li jingħata l-grad ta' Master of Music.

(4) L-istudent jitħalla biss jagħmel l-eżami viva voce meta l-*portfolio* u d-dissertazzjoni jkunu ġew eżaminati u approvati mill-Bord tal-Eżaminaturi.

(5) Id-deċiżjoni jekk l-istudent għandux jagħmel l-eżami *viva voce* għandha tiġi kkomunikata lill-istudent bil-miktub.

(6) L-istudenti li ma jissodisfawx lill-Bord tal-Eżaminaturi fl-eżami *viva voce* jistgħu, fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi u bil-permess tal-Bord, jerġgħu jiġu eżaminati mill-ġdid b'mod orali fi żmien sitt xhur. Permess bħal dan għandu jingħata darba biss.

(7) Jekk student ma jissodisfax lill-Bord tal-Eżaminaturi li x-xogħol tiegħu laħaq il-livell meħtieġ għall-għoti tal-Grad, il-Bord tal-Eżaminaturi jista' jirrakkomanda lis-Senat li l-Grad ma jingħatax, u minflok jista' jirrakkomanda l-għoti tal-grad ta' Master of Music.

L-Eżami għall-Grad fl-Esibizzjoni

16. L-esibizzjoni u d-dissertazzjoni ppreżentati għall-Grad fl-Esibizzjoni għandhom ikunu eżaminati minn Bord tal-Eżaminaturi maħtur għal dan il-għan mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

17. (1) Il-Bord tal-Eżaminaturi għall-ewwel żewġ esibizzjonijiet għandu jkun magħmul minn *chairman* u mill-anqas minn żewġ eżaminaturi interni.

(2) Il-Bord tal-Eżaminaturi għall-esibizzjoni finali, d-dissertazzjoni u l-eżami *viva voce* għandu jinkludi *chairman,* mill-anqas żewġ eżaminaturi interni u eżaminatur barrani *visiting,* filwaqt li l-eżami *viva voce* jsir tal-anqas minn tliet eżaminaturi li jinkludi l-eżaminatur barrani. Id-dissertazzjoni għandha tkun eżaminata bil-kundizzjonijiet normali tal-eżamijiet.

(3) Is-Superviżur Prinċipali jew il-Ko-Superviżur ma jistgħux ikunu wieħed mill-eżaminaturi. Iżda s-Superviżur Prinċipali għandu jkun mistieden biex jattendi bħala osservatur waqt l-eżami *viva voce.*

VERŻJONI ELETTRONIKA

18. L-istudenti jitħallew biss jipproċedu għall-esibizzjoni finali u għas-sottomissjoni tad-dissertazzjoni meta jkunu għaddew mill-ewwel żewġ esibizzjonijiet pubbliċi, bil-possibilità ta' valutazzjoni mill-ġdid darba għal waħda miż-żewġ esibizzjonijiet.

19. Reġistrazzjoijiet awdjo-viżivi ta' kwalità għolja tal-ewwel żewġ esibizzjonijiet, awtentikati mill-eżaminaturi, u tal-esibizzjoni finali, għandhom ikunu mħejjija għall-użu tal-Bord tal-Eżaminaturi. L-istudenti huma meħtieġa jipprovdu n-noti tal-programm oriġinali għal kull esibizzjoni pubblika.

20. Id-dissertazzjoni tsita' tkun eżaminata qabel jew wara li ssir l-esibizzjoni finali. Meta tiġi eżaminata d-dissertazzjoni, kull eżaminatur għandu jissottometti rapport preliminari indipendenti liċ-*chairman* tal-Bord tal-Eżaminaturi, fejn jew japprova d-dissertazzjoni mingħajr kundizzjonijiet jew japprovaha suġġett għall-korrezzjonijiet żgħar għas-sodisfazzjon taċ-*chairman* tal-Bord, jew kif indikat fir-regolament 21.

21. Jekk il-Bord tal-Eżaminaturi ma jkunx sodisfatt bil-kwalità tad-dissertazzjoni, għandu jirreferi d-dissertazzjoni lura lill-istudent għar-reviżjonijiet maġġuri biex ikun jista' jerġa' jissottomettiha fi żmien sitt xhur.

22. (1) Jekk il-Bord tal-Eżaminturi ma jkunx sodisfatt bil-kwalità tal-esibizzjoni finali, għandu jirrakkomanda li l-istudent jitħalla jirrepeti l-esibizzjoni finali.

(2) F'dan il-każ, il-membri kollha tal-Bord tal-Eżaminaturi għandhom jissottomettu rapport individwali indipendenti liċ-*chairman* tal-Bord tal-Eżaminaturi li għandu jħejji rapport finali, fejn ma japprovax l-esibizzjoni finali, u fl-istess ħin jirrakkomanda li l-istudent jitħalla jirrepeti l-esibizzjoni finali sa data speċifikata.

(3) Jekk wara t-tieni darba l-istudent jeħel fl-esibizzjoni finali, dan ma jitħalliex jagħmel l-eżami *viva voce*, u l-Bord tal-Eżaminaturi għandu jirrakkomanda lis-Senat biex il-Grad ma jingħatax, u minflok jista' jirrakkomanda li jingħata l-grad ta' Master of Music.

23. (1) L-istudent jitħalla biss jagħmel l-eżami *viva voce* meta l-esibizzjoni finali u d-dissertazzjoni jkunu ġew eżaminati u approvati mill-Bord tal-Eżaminaturi.

(2) Id-deċiżjoni jekk l-istudent għandux jagħmel l-eżami *viva voce* għandha tiġi kkomunikata lill-istudent bil-miktub.

(3) L-istudenti li ma jissodisfawx lill-Bord tal-Eżaminaturi fl-eżami *viva voce* jistgħu, fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi u bil-permess tal-Bord, jerġgħu jiġu eżaminati mill-ġdid b'mod orali fi żmien sitt xhur. Permess bħal dan għandu jingħata darba biss.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Jekk student ma jissodisfax lill-Bord tal-Eżaminaturi li x-xogħol tiegħu laħaq il-livell meħtieġ għall-għoti tal-Grad, il-Bord tal-Eżaminaturi jista' jirrakkomanda lis-Senat li l-Grad ma jingħatax, u minflok jista' jirrakkomanda lis-Senat l-għoti tal-grad ta' Master of Music.

Il-Format u l-Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

24. (1) Għall-Grad fil-Kompożizzjoni, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu kopji tal-*portfolio* tax-xogħolijiet oriġinali fuq karti tal-mużika regolari b'kull xogħol ippreżentat separatament b'legatura *soft* u dissertazzjoni li għandha tkun fil-format ta' dokument normali.

(2) Għall-Grad fl-Esibizzjoni, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu n-noti tal-programm u d-dissertazzjoni li għandha tkun fil-format ta' dokument normali.

25. L-istudenti għandhom jissottomettu kopja tal-*portfolio* (fil-każ tal-istudenti tal-kompożizzjoni) u tad-dissertazzjoni (kemm għall-kompożizzjoni kif ukoll għall-esibizzjoni) lill-membri kollha tal-Bord tal-Eżaminaturi.

26. (1) Wara li l-*portfolio*, in-noti tal-programm u d-dissertazzjoni jiġu approvati, l-istudent għandu jissottomettihom f'forma b'legatura iebsa, u f'verżjoni elettronika li tinżamm fil-Librerija tal-Università, fi żmien ta' mhux aktar minn sitt ġimgħat minn meta jkun sar l-eżami *viva voce*.

(2) F'konformità mal-Politika tar-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta, il-Librerija tal-Università għandha tipprovdi aċċess miftuħ għall-kopji elettroniċi tad-dissertazzjoni u tad-dokumenti l-oħra ppreżentati għall-Grad u għandha tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku fir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta.

27. Kwalunkwe spejjeż marbutin mal-esibizzjonijiet, reġistrazzjonijiet, *lectures*/preżentazzjonijiet u l-*portfolio* tal- kompożizzjonijiet huma r-responsabbiltà tal-istudent.

Il-Provvediment Ġenerali

28. Għal materji li m'hemmx provvedimenti dwarhom f'dawn ir-regolamenti, il-Bord għandu jkun iggwidat mill-provvedimenti tar-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D., ippubblikati bħala Avviż Legali 293 tal-2008, kif applikabbli.

It-Tħassir

29. Ir-Regolamenti tal-2014 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Music – D.Mus. - ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 95 tal-2014, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru, 2017, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-grad qabel l-1 ta' Ottubru, 2017 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.